**QORTI TAL-APPELL**
**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Seduta, l-Erbgha, 10 ta' Mejju, 2023**

Numru 1

**Rikors Nru. 248/2019**

**Saviour Balzan**

**Vs**

**Ivan Camilleri**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-26 ta' Ottubru 2022 fejn il-Qorti cahdet it-talba tieghu li l-kummenti tal-konvenut fuq il-profil tieghu fuq Facebook f'Ottubru 2019 huma libelluzi fil-konfront tal-attur.

Rat ir-risposta tal-appellat Ivan Camilleri;

Rat l-atti kollha;

Il-kummenti tal-konvenut, impunjati f'din il-kawza, jikkonsistu fir-reazzjoni tal-istess konvenut ghall-istorja ppubblikata mill-attur fit-30 ta' Ottubru 2019 fuq is-sit elettroniku maltatoday.com.mt, fl-artikolu intestat "Times journalist Ivan Camilleri confronted by Naxxar supermarket over shoplifting incident", kif aggornat ftit tal-hin wara b'artikolu iehor intestat "Camilleri admitted and paid back more than what he took' - supermarket boss". Artikolu li fih gie rapportat li l-konvenut kien seraq minn Valyou Supermarket

in-Naxxar, li gie mwaqqaf mis-security huwa u hiereg tal-istabbiliment, wara li gie osservat fuq CCTV cameras jisraq numru ta' oggetti ta' valur u li huwa ammetta li seraq.

F'dan l-artikolu l-attur stqarr li l-konvenut kien involut f' "an incident of shoplifting"; li dan il-kaz inqabad fuq CCTV cameras tal-istabbilment u "staff manning the CCTV alerted the management that Camilleri had allegedly pilfered an unspecified amount of highly-priced goods"; "the journalist was said to have immediately admitted to the crime". L-attur imbaghad ghamel diversi stqarrijiet ohra fl-istess artikolu bi kritika tal-konvenut, fosthom li l-konvenut ghandu "(a) reputation for muckracking on ministers and Labour appointees" u li fil-passat agixxa b'xejra ta' opportunizmu politiku.

Il-konvenut wiegeb ghal din il-pubblikazzjoni permezz ta' post ippubblikat fuq il-profil personali tieghu fuq Facebook fl-istess gurnata, 30 ta' Ottubru 2019, li qed tigi impunjata f'din l-azzjoni bhala malafamanti.

Il-partijiet allegatament malafanti huma paragrafi 6 u 7:

> "6. The article penned by Mr. Balzan is full of incorrect claims.
> At no point was I "confronted", its a lie that 'staff manning the CCTV alerted management' and "no incident was revealed to the management after the shoplifting took place.
> There was NO SHOPLIFTING except in Mr Balzan's fertile imagination".
>
> "7. The fact that a Managing Editor of a newspaper tried to conjure a story out of an innocent incident, which can happen to anyone, is beyond belief.
> It shows how the so-called editor has a clear agenda to try to tarnish the reputation of serious people who spent their lives fighting what is wrong, no matter who does it and the personal sacrafices such a job entails."

L-ewwel Qorti wara li ezaminat il-fatti u l-kwistjonijiet legali involuti ikkonkludiet illi

> … billi jirrizulta li l-eccezzjoni tal-konvenut li l-pubblikazzjoni impunjata tikkostitwixxi r-risposta ossia cahda ta' allegazzjonijiet skorretti li saru fil-konfront tieghu, hija specifikatament rikonoxxuta mill-gurisprudenza tal-qrati Inglizi bhala okkazjoni privileggjata imsejha "reply to an attack", applikata anke fl-ambitu tal-UK Defamation Act 2013 u kif ukoll rikonoxxuta fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija tajba u fondata u sejra tilqaghha.
>
> Illi mhux hekk biss, izda l-Qorti hija konvinta wkoll illi din l-istqarrija tikkostitwixxi l-opinjoni onesta tal-konvenut ibbazata wkoll fuq is-sensiela ta' artikoli pubblikati precedentement mill-attur fuq il-gazzetta Maltatoday fejn l-

> attur mhux biss kiteb negattivament dwaru izda wkoll attakka specifikatament u regolarment il-kondotta ta' huh bhala l-Kap Ezekuttiv ta' dak iz-zmien ta' Malta Enterprise, liema artikoli jissodisfaw, fil-fehma tal-Qorti, il-htigiet tal-paragrafu (c) tal-Artiklu 4(2) tal-Kap. 579. Ma jirrizultax mill-kumpless tal-provi akkwiziti, li l-konvenut ma emminx fil-veracita' tal-allegazzjonijiet li huwa ppubblika fil-konfront tal-attur fir-risposta tieghu, impunjata f'din il-kawza.
>
> Ghall-Qorti, dan ifisser illi f'kull kaz, il-fehma tal-konvenut fit-tieni sentenza tal-paragrafu 7 tal-istqarrija tieghu, tissodisfa r-rekwiziti kollha tad-difiza tal-opinjoni onesta taht l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579 li effettivament tirrapprezenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjah fair comment[1], difiza li giet eccepita mill-konvenut fit-tieni paragrafu tar-Risposta tieghu.

L-attur ressaq dawn l-aggravji kontra din is-sentenza:

1. Li l-privilegg kwalifikat 'reply to an attack' ma jezistix fil-ligi;

2. Id-difiza ta' 'reply to an attack' f'kull kaz tfalli;

3. L-ewwel Qorti zbaljat meta naqset li tiddetermina jekk 'the defendant either knew that he was not telling the truth or was reckless in that regard';

4. L-ewwel Qorti naqset tikkonsidra li l-istqarrija hi malafamanti u qieset li l-proceduri gew istitwiti biex l-attur juri li kellu ragun meta ippublika l-istorja izjed milli ghax hassu malafamat.

**L-ewwel aggravju**

L-appellant isostni li dan il-privilegg ma jezistix fil-ligi Maltija ghax l-artikoli 6, 7 u 8 ta' Kap. 579 jelenkaw b'mod ezawrjenti l-pubblikazzjonijiet privileggati li fir-rigward taghhom ma hemmx azzjoni ta' malafama.

L-appellant ma ghandux ragun. L-artikolu 4(6) tal-Kap. 579 jitkellem ukoll dwar difizi accettati bhala formanti parti mill-eccezzjonijiet li wiehed jista' jressaq kontra azzjoni ghal malafama. L-artikolu jghid hekk:

> Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, fi kwalunkwe azzjoni ta' malafama taht dan l-Att, il-konvenut ghandu d-dritt li jissottometti bhala difiza kull raguni ghall-mitigazzjoni ta' danni **kif ukoll kwalunkwe talba li, jekk tigi accettata, twassal ghac-cahda tal-azzjoni** u l-konvenut jista' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti u li l-fatti msemmija huma veri u, jew li kwalunkwe opinjoni espressa hija opinjoni onesta. Is-

[1] Collins jghid hekk fir-rigward tad-difiza ta' "*honest opinion*":- "*... the common law defence of fair comment has been abolished .... and* ***replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law***."[25] [emfasi tal-Qorti] On Defamation, *supra,* 9.03, p. 188. Ghalhekk, il-gustizzja tesigi li l-eccezzjoni tal-konvenut ta' "*fair comment"* titqies u tigi trattata bhala eccezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

> sottomissjoni ta' talba bhal din ma teskludix ohra awtomatikament. (sottolinear tal-Qorti)

Kull talba ma teskludix ohra. Il-kliem sottolineat mill-Qorti huma wiesa' bizzejjed biex jikkontemplaw id-difiza privilleggjata 'a reply ta an attack' li kif qalet l-ewwel Qorti hi rikonoxxuta mill-gurisprudenza tal-Qrati Inglizi fl-ambitu tal- U.K. Defamation Art. 2013 li minn fuqha issawret il-ligi Maltija kwazi verbatim u rikonoxxuta fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem a bazi tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar id-dritt tal-espressjoni.

L-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

F'dan l-aggravju l-appellanti isostni li jekk hi applikabbli d-difiza 'reply to an attack' tali difiza tapplika biss ghal protezzjoni ta' min ihossu malafamat minhabba gidba jew kalunja mhux ghax xi hadd kixef il-verita fuqhom u jirrispondi b'mod mhux veritier jew bla kont.

Dan l-aggravju ma fihx mis-sewwa. Dawn is-siltiet juru kif ghandu jigi applikat il-privilegg 'reply to an attack':

> "... a person whose character or conduct has been attacked is entitled to answer such attack, and any defamatory statements he may make about the person who attacked him will be privileged, provided they are published bona fide and are fairly relevant to the accusations made." [**Gatley on Libel and Slander**. 2013 Ed. 14.51, p. 596]
>
> "… it is in the public interest that persons should be allowed to speak freely on occasions when it is their duty to speak and to tell all they know or believe, or on occasions when it is necessary to speak in the protection of some (self or) common interest." [**Gerhold v Baker** 1918 HL W.N. 368 CA at 369 - Gatley 14.8 p. 547]
>
> Collins ifisser li dan il-privilegg huwa disponibbli fl-okkazjoni ta' attakk fuq il-karattru, kondotta jew interessi ta' persuna, fejn dik il-persuna ikollha "... an interest in responding to that attack in the requisite sense, and those to whom the attack was published have a corresponding interest in receiving the person's response to the attack." [**Collins On Defamation**: Matthew Collins QC, 2014 Ed., 11.22 p. 233]

> "The defendant would be entitled to protect his reputation by a proportionate response which was appropriate both in terms of subject matter and scale of publication. In order for a defendant to avail himself of this form of privilege, the response should not go into irrelevant matters or, in particular, cross over into an attack on the integrity of the claimant if it is not reasonably necessary for defending his own reputation." [Per Eady J. P. 65 – Collins ibid. 11.23, p. 234]

> "In such cases **no matter how harsh, hasty, untrue or libellous the publication would be** but for the circumstances, the law declares it privileged because the amount of public inconvenience from the restriction of freedom of speech or writing would far out-balance that arising from the infliction of a private injury." (emfasi tal-Qorti) [**Hunter v Ward** (1859) 6 C.B (N.S.) 514 at 517]

Kif qalet l-ewwel Qorti

> Fil-fatt, huwa ritenut illi l-persuna – bhall-konvenut fil-kaz odjern - li tiddefendi ruhha kontra attakk bhal dan permezz tal-pubblikazzjoni ta' risposta, tgawdi minn parametri wiesa' fid-difiza tar-reputazzjoni taghha u hija intitolata li tippubblika risposta robusta anke biex timmina l-kredibbilita' ta' min ikun immalafamaha u tista' twiegeb iktar minn darba [Puche' r-risposti jkunu proporzjonati, ragjonevoli u relevanti]: "the law does not concern itself with niceties in such matters" [**Turner v. MGM Pictures** – citat f'Gatley, bid. 14.51. p. 597].

Kif jidher minn dawn l-estratti, id-difiza ta' 'reply to an attack' ma tiddependix mill-verita tal-fatti jew le izda aktar li d-difiza tkun wahda kwalifikata bhala reazzjoni proporzjonata ragonevoli u rilevanti biex tirribatti l-imputazzjonijiet u tipprotegi lil persuna infisha jew xi membru tal-familja. Tinkludi wkoll bl-istess salvagwardji gia kwalifikati d-dritt li tattakka l-kredibilita ta' min beda l-attakk.

Ghalhekk dan l-aggravju kif maghmul qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju jkompli mit-tieni wiehed. L-appellant isostni li qabel ma jigi stabbilit li l-attakk kien dwar fatti veritieri ma jistax jigi kunsidrat l-ammissibilita tar-risposta ghall-attakk u l-ewwel Qorti ma ghamlitx dan l-ezercizzju ghax fil-fehma tal-appellant kien igib fix-xejn id-difiza tal-appellat. Kif gia inghad, il-verita o meno tal-fatti 'fl-attakk' mhux rilevanti ghall-iskop tal-kawza. Li hu rilevanti hu jekk id-difiza ta' 'risposta ghall-attakk' saritx limitatament ghalkemm mhux necessarjament esklussivament bhala twegiba

ghal attakk biex il-konvenut jiddikjara l-verzjoni tieghu u kif ukoll biex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu anki jekk jesprimi l-fehma tieghu wara l-motivazzjoni ghall-attakk cioe li min attakkah ried ihammeg ir-reputazzjoni tieghu, basta li l-konvenut juri bl-istqarrija li kien in buona fede, u saret proporzjonalment ghall-attakk.

Ghalhekk anki dan l-aggravju kif impostat ma jisthoqqlux jigi milqugh.

**Ir-raba' aggravju**

Dan l-aggravju fih innifsu ma jista' jwassal ghal ebda ezitu fil-kawza ghaliex dak li gie kunsidrat mhux jekk l-attur hassux malafamat jew le, izda jekk ir-risposta tal-konvenut kinitx malafamanti fil-konfront tal-attur. Fil-fatt l-ewwel Qorti iddedikat parti sostanzjali mis-sentenza tikkunsidra din il-kwistjoni li kienet il-mertu tal-azzjoni. Il-kunsiderazzjonijiet fattwali tal-ewwel Qorti jekk ragonevoli ma ghandhomx jigu skrutinati mill-gdid minn din il-Qorti ghax l-apprezzament tal-fatti ghal fini tad-difiza sar mill-ewwel Qorti u laqghet l-eccezzjoni tar-risposta ghall-attakk bhala difiza valida li twaqqa l-azzjoni ta' malafama.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Saviour Balzan u tikkonferma is-sentenza tal-ewwel Qorti. Spejjez ikunu kollha a karigu tal-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur